MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru 791/2002

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Richard Bugeja, iben Anthony,
imwieled Pieta’ fl-4 ta’ novembru, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-1 ta’ april, 2002 għal ħabta tat-3.30 p.m.
fil-Mosta –
1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, permezz ta’ lasta ta’ xkupa għamel ħsara fuq vettura tal-marka Mini-Minor, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAS 342, għad-dannu ta’ Martina Debono, liema ħsara hi iżjed minn ħamsin liri maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500);
2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat u ġlied;

3. inġurja u hedded lil Martina debono bil-kliem.
Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-4 ta' diċembru, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152
tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn
mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------